MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2013

Mandat Numru. 146/2013/1

**AIS Environmental Limited (C18445)**

***vs***

**Id-Dipartiment tal-Kuntratti**

***u***

**L-Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fil-31 ta` Jannar 2013 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati u konfermati bil-gurament

minn Mario Schembri, ir-rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex izzomm lill-intimati milli –

*Bi kwalunkwe mod, direttament jew indirettament, iwettqu u/jew ikomplu bl-aggudikazzjoni u/jew jaghtu jew jiffirmaw il-kuntratt jew jaghtu ezekuzzjoni tal-kuntratt wara s-sejha ghall-offerti CT/3048/2012 : "Service tender for the development of a long-term monitoring strategy for the marine environment, a social and economic analysis of the use of marine waters and costs of degration, and baseline sediment survey in inland waters"*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors promotorju.

Rat id-digriet taghha tal-31 ta` Jannar 2013 fejn laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, ordnat in-notifika tal-atti lill-intimati bi zmien ghaxart ijiem biex iwiegbu, u fejn appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza tat-12 ta` Frar 2013.

Rat li l-intimati kienu t-tnejn notifikati fil-31 ta` Jannar 2013.

Rat ir-risposti tal-intimati, dik tad-Dipartiment tal-Kuntratti, li kienet prezentata fis-7 ta` Frar 2013, u dik tal-Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li kienet prezentata fit-8 ta` Frar 2013, fejn, ghar-ragunijiet moghtija, talbu lil din il-Qorti sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-risposta tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Rat ukoll id-dokumenti li kienu prezentati fl-udjenza tat-12 ta` Frar 2013.

Semghet lid-difensur tad-Dipartiment tal-Kuntratti fl-udjenza tat-12 ta` Frar 2013, kif debitament awtorizzat mid-Direttur Generali (Kuntratti), jiddikjara b`riferenza ghall-Art.873(3) tal-Kap 12 illi –

*Kieku ma kienx ghall-presentata tar-rikors u ghad-digriet ta` din il-Qorti tal-31 ta` Jannar 2013 li permezz tieghu t-talba tar-rikorrenti kienet milqugha provizorjament, id-Direttur tal-Kuntratti kien ser ikompli bil-process tal-assenjazzjoni tat-tender in kwistjoni.*

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet fl-istess udjenza.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet ir-rikors ghal provvediment *in camera*.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Dritt</u>**

Skond l-**<u>Art.873(1)</u>** tal-Kap.12 –

*L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

Skond l-**<u>Art.873(2)</u>** tal-Kap.12 –

*Il-Qorti **<u>m'ghandhiex</u>** tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent 'prima facie' jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

Mill-Art.873(2) johorgu zewg elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa : fl-ewwel lok, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li qed jippretendi li ghandu ; u fit-tieni lok, irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet.

Dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-14 ta' Lulju 1988 fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.290) qalet hekk –

... *huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

Hemm imbaghad l-**Art.873(3)** tal-Kap.12 li jaqra hekk –

*Il-qorti m'ghandha tohrog ebda mandat bhal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.*

Mela fejn, bhal fil-kaz tal-lum anke wiehed mill-intimati huwa l-Gvern, b'**zieda** ma` l-elementi li johorgu mis-subincizi (1) u (2) tal-Art.873, irid jitqies ukoll dak li jinghad fis-subinciz (3) u cioe` (a) li l-haga li parti titlob li tinzamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-hsieb li titwettaq, u (b) li l-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-

mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma’ l-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.

Riferibbilment ghall-motivazzjoni tar-rikors tal-lum, din il-Qorti tghid b`rigward ghall-element tal-*pregudizzju* meqjus fil-kuntest tas-subinciz (3) illi wara l-emenda li giet fis-sehh f`Ottubru 2006, il-ligi ma baqghetx titkellem dwar pregudizzju “*li ma jkunx jista’ jigi rimedjat*” bhala l-bazi biex tkun milqugha talba ghall-hrug tal-mandat kontra l-Gvern, imma bizzejjed li jintwera mill-perspettiva tal-parti li titlob il-hrug tal-mandat li dak il-pregudizzju jkun *sproporzjonat* fis-sens illi jkun manifestament ta` zvantagg u ta` hsara ghar-rikorrent jekk il-haga titwettaq. Ir-rikorrenti ghandha ghalhekk taggorna l-fehmiet taghha konformement.

L-elementi li jwasslu ghall-hrug tal-Mandat huma kumulativi u <u>mhux</u> alternativi. Li allura jfisser illi jekk xi wiehed mill-elementi ma jirrizultax, il-Qorti <u>hija obbligata</u> tichad it-talba ghall-hrug tal-Mandat.

Tajjeb li jkun riaffermat li l-procedura tal-lum hija mahsuba biex wahda sommarja. Ghaliex mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti fi stadju bhal dak tal-lum, kull ma ghandu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar il-jedd. Il-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug ta’ l-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud allura l-jedd pretiz ma jezistix. Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, <u>**mhux kompitu**</u> ta’ din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Hadd mill-partijiet ma jista` jew m`ghandu jippretendi li mad-“*daqqa t’ghajn*” ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura <u>**specjali u partikolari**</u> tal-Mandat ta` Inibizzjoni. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta` din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa <u>**limitat u cirkoskritt**</u> biex tara jekk huwiex sodisfatt

dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta' Inibizzjoni. Il-Mandat ta` Inibizzjoni huwa mezz procedurali **eccezzjonali**. Ghalhekk ma jistax jinhareg il-Mandat jekk il-hsara lamentata mir-rikorrent tkun tista` tigi rimedjata mod iehor.

**Ikkunsidrat :**

**III. Il-Fatti**

Ir-rikorrenti hija wahda mill-appaltaturi involuti fil-Lott 1 ta` tender li kien inghata fil-11 ta` Awissu 2011 wara sejha ghall-offerti Nru. CT / 3024 / 2011. Lott 1 kien jittratta *development of environmental monitoring strategy.* Ix-xoghol tar-rikorrenti ghadu ghaddej u jigi komplut lejn nofs din is-sena. Fis-7 ta` Awissu 2012, harget sejha ohra ghall-offerti Nru. CT / 3048 / 2012, u cioe` mertu ta` dan ir-rikors. Ir-rikorrenti tghid illi ghamlet ir-ricerki u t-thejjijiet taghha biex tkun tista` taghmel l-offerta taghha. Fil-31 ta` Awissu 2012, id-Direttur Generali (Kuntratti), mitlub jaghmel kjarifika, iddikjara fuq is-sit www.contracts.gov.mt illi ma kienux sejrin jigu kunsidrati *offers from current contractors or sub-contractors who may have gained additional information through their current work that may put them at an advantage over other bidders or may present a conflict of interest.* It-terminu biex jinghataw kjarifiki ghalaq fit-3 ta` Settembru 2012. Ir-rikorrenti tghid illi kien fis-6 ta` Settembru 2012 li saret taf bil-kjarifika li kien ghamel id-Direttur. Ghalhekk talbet hi kjarifika dakinhar stess tas-6 ta` Settembru 2012 biex tkun taf jekk kenitx sejra tkun eskluza milli taghmel offerta. Id-Dipartment tal-Kuntratti wiegeb fl-10 ta` Settembru 2012 billi qal li z-zmien ghall-kjarifiki kien ghalaq. Dakinhar stess, ir-rikorrenti kitbet lid-Direttur Generali (Kuntratti) fejn *inter alia* talbitu jestendi *the deadline for submission of the tender by at least three (3) weeks.* Ir-rikorrenti ma pprezentat l-ebda offerta, tghid hi, minhabba dak dikjarat mid-Dipartiment tal-Kuntratti fil-31 ta` Awissu 2012. It-terminu ghall-presentata tal-offerti kien jaghlaq fit-18 ta`

Settembru 2012 fl-10.00 a.m. Fit-18 ta` Settembru 2012, ir-rikorrenti kitbet lill-Bord ta` Revizjoni dwar il-Kuntratti Pubblici fejn *inter alia* talbet lill-Bord *to order that today`s deadline for submission of the tender be extended by at least four (4) weeks or order the suspension and /or reopening of the contracting procedure, as the case may be* (ara fol 18 u fol 19). Wara li sema` l-kaz, il-Bord iddecieda fit-18 ta` Dicembru 2012 kontra r-rikorrenti u rrakkomanda li *the tender process continues.* Ir-rikorrenti ma pprezentat l-ebda appell minn din id-decizjoni quddiem il-Qorti tal-Appell. Bil-procediment tal-lum, ir-rikorrenti qeghda tippretendi illi din il-Qorti ghandha twaqqaf l-process tal-ghoti tat-tender ghax tghid illi kienet diskriminata. Tghid ukoll illi kienet se ggarrab pregudizzju rrimedjabbli jekk il-process ikompli.

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>Risultanzi</u>**

Ir-rikorrenti kellha fil-pussess taghha kopja tat-*tender document.* Allura kienet taf, jew messha kienet taf, x`kienet il-procedura li kellha tkun segwita u x`kellha taghmel. Ir-rikorrenti kienet taf ukoll kellha zzomm ruhha aggornata ma` dak li kien qieghed jinghad fil-website tad-Dipartiment. Fil-pag 6 tat-*tender document* hemm indikata *timetable* b`dati u hinijiet stabbiliti. It-3 ta` Settembru 2012 kien id-*deadline for request for any additional information from the Contracting Authority.* It-12 ta` Settembru 2012 kien *the last date on which additional information are issued by the Contracting Authority.* It-18 ta` Settembru 2012 fl-10.00 a.m. kien id-*deadline for submission of tenders.* <u>Jirrizulta li r-rikorrenti ma zammet l-ebda wiehed minn dawn it-termini</u>.

Fl-istess dokument, hemm il-Clause 11.2 li taqra hekk –

*Questions and answers, and alterations to the tender document will be published as a clarification note on the website of the Department of Contracts (www.contracts.gov.mt/tenders) within the respective tender`s page, under the subheading "Preview & Free Tender Documents". Clarification notes will constitute an integral part of the tender documentation,* ***and it is the responsibility of tenderers to visit this website andf be aware of the latest information published online prior to submitting their tender****.* (enfasi ta` din il-qorti)

Fil-kaz tal-lum, il-*questions and answers* ghall-fini ta` kjarifika dehru fil-website fil-hin. *Ex admissis* ir-rikorrenti taccetta illi rat il-*clarification notes* meta kien ghalaq id-*deadline.* U riedet taghmel hi *questions* biex ikollha *answers* meta t-terminu kien ghalaq. Sewwa wiegeb id-Dipartiment intimat. Fl-istess waqt pero` u dan huwa importanti ferm illi kienet tar-rikorrenti, u taghha biss, id-decizjoni li teskludi lilha nnifsha mis-sejha ghall-offerti billi ma tosservax it-terminu tat-18 ta` Settembru 2010 fl-10.00 a.m. Ma kien hemm l-ebda xkiel ghaliha li tressaq l-offerta taghha. Fil-kaz illi waqt il-process tal-aggudikazzjoni kien iqum fil-konfront taghha dak li kien sollevat fil-*clarification note* tal-31 ta` Awissu 2012, hemm setghet ir-rikorrenti tressaq l-argumenti taghha sabiex ma tkunx skwalifikata. U jekk kellha tkun skwalifikata setghet tressaq appell quddiem il-Bord ta` Revizjoni dwar il-Kuntratti Pubblici. U minn hemm setghet tmur quddiem il-Qorti tal-Appell. Huwa evidenti li r-rikorrenti rrinunzjat ghal dan kollu. Minflok ir-rikorrent ghazlet triq li fuq l-iskorta tat-*tender document* ma setghet qatt twassalha fejn riedet hi. Ma kienx ikun hemm *level playing ground* ghal konkorrenti ohra tat-*tender* li kieku d-Dipartiment tal-Kuntratti akkorda l-estensjoni li talbet ir-rikorrenti. Haddiehor ottempera ruhu. Ma kellhiex ghalfejn ir-rikorrenti ma taghmilx l-istess. Ma tistax ghalhekk ir-rikorrenti tippretendi li ghandha jedd izzomm il-process tal-aggudikazzjoni meta kienet hi li ma tatx kont tad-deadlines, kienet x`kienet ir-raguni : nuqqas, ghazla jew strategija, hi x`hini. Sabiex ikollha *say* ir-rikorrenti kellha titfa` l-offerta. Ghazlet li tibqa` barra. Ma tistax minn

barra tippretendi li tista` tiddetta dak li jolqot sejha ghall-offerti li issa tirrigwarda lil haddhiehor, mhux lilha, ghax ghazlet li tibqa` barra. L-argument tad-diskriminazzjoni li r-rikorrenti qeghda taghmel fil-procediment tal-lum ma jistax iregi ghall-fini ta` dan l-istess procediment propju ghaliex *motu proprio* ir-rikorrenti ghazlet li tibqa` barra mis-sejha ghall-offerti. Kienet tkun f`qaghda li taghmel dak l-argument u taghmel il-kaz taghha li kieku ghamlet l-offerta taghha u giet eskluza ghaliex kienet *subcontractor* fit-*tender* ta` qabel. **Iddur kemm iddur, din il-Qorti ma tistax ssib li r-rikorrenti ghandha jedd *prima facie* biex tavvanza l-pretensjonijiet taghha kontra z-zewg intimati**.

Billi fil-fehma taghha ma jirrizultax ir-rekwizit tad-dritt *prima facie* din il-Qorti tara illi jkun ghal kollox inutili li tghaddi ghall-konsiderazzjoni ta` kwalsiasi prova, argument jew sottomissjoni li tolqot ir-rekwizit l-iehor tal-i*sproporzjon fil-pregudizzju* ladarba r-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi **mhux** alternattivi. Sabiex tintlaqa` t-talba ghall-hrug tal-Mandat, ir-rekwiziti huma stretti u l-Qorti hija prekluza (***m`ghandhiex***) tordna l-hrug tal-Mandat jekk mhux ir-rekwiziti **kollha** (minghajr eskluzjoni) ikunu sodisfatti. Mankanti mqar wiehed, il-Mandat ma jistax johrog.

**Ghar--ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tiddeciedi billi –**

**Tichad it-talba ghall-hrug tal-Mandat billi ma jirrizultawx l-elementi kollha mitluba mil-ligi ghall-hrug tal-istess ;**

**Thassar *contrario imperio* d-degriet taghha tal-31 ta` Jannar 2013, safejn kienet laqghet it-talba tar-rikorrenti b`mod provvizorju ;**

**Tordna lir-rikorrenti sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------